**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Lewis Cordina**

**Kawża numru 323/2023**

**Illum 29 ta' Lulju 2023**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat Lewis Cordina ta' 46 sena, iben John u Doris nee Micallef imwieled Melbourne, Victoria, Awstralja, nhar is-17 ta' Ġunju 1976, residenti 45, Triq L-Isptar San Ġiljan, Fontana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 135694(M), tressaq quddiemha akkużat talli naqas li

jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D) b'digriet ta nhar il-26 ta Mejju, 2023, hekk kif ġew sussegwentement emendati bid-digiet tal-Magistrat Dr Leonard Caruana LL.D, data 24 ta' Lulju 2023 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Lewis Cordina u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali tgħaddi a favur tal-gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. Jirriżulta wkoll illi huwa kien jinsab jattendi tiegħ u li dam hemmhekk ftit aktar tard mill-ħin illi kien imissu. In vista ta din l-ammissjoni l-Qorti sejra għalhekk issib ħtija fl-imputat iżda ser izzomm ferm f'moħħa ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u l-estent ta' gravita' tal-ksur tal-kondizzjonijiet partikolari.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 579(2) u (3) kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Lewis Cordina hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn Ewro (EUR 200). Il-Qorti qed tiċħad it-talba tal-**

**Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u għall-arrest mill-ġdid ta' l-imputat kif ukoll it-talba għal konfiska a favur il-Gvern ta' Malta.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera kopja

Deputat Reġistratur